# Kunsill Lokali Safi

40, Dar il-Kunsill, Triq l-Iskola, Safi SFI 1404
Telefon: (00356) 21689168, (0356) 21641487 Telefax: (00356) 21689796
E-Mail: safi.lc@gov.mt Web-Page: www.lc.gov.mt

---

Minuti tas-seduta numru tlieta (3) tat-2011 tal-Kunsill Lokali Ħal Safi (KLĦS) li nżammet nhar il-Ħamis 27 ta' Jannar, 2011, fis-7:30pm, fil-Bini Muniċipali ta' Ħal Safi.

| | | |
|---|---|---|
| PREŻENTI: | Pietru Pawl Busuttil | Sindku |
| | Publius Abdilla | Viċi Sindku |
| | Eddie Bonello | Kunsillier |
| | Jerome Busuttil | Kunsillier |
| | Francis Callus | Kunsillier |
| | Derren Busuttil | Segretarju Eżekuttiv |
| | Dorianne Zammit | Assistent Principal |

1. Is-Sindku presjeda l-laqgħa u qal it-talba.

2. Is-Segretarju Eżekuttiv ppreżenta l-minuti tas-seduta preċedenti, dawn ġew meħuda bħala moqrija u sarulhom il-korrezzjonijiet kif jidhru bil-linka fuq il-kopja oriġinali, kienu approvati u ffirmati.

**Punti mill-Minuti**

3. Is-Sindku ikkonferma li qiegħed f'kuntatt mal-Perit tal-Kunsill sabiex jagħmel pjan ta' l-immanġjar tat-traffiku għad-dħul tal-vetturi f'Ħal Safi minn Triq l-Ibraġ qabel mat-triq il-ġdida tal-Karwija tinfetaħ. Il-Perit ser jippreżenta dan il-pjan lil Kunsill fil-ġimgħat li ġejjin.

4. Is-Sindku informa lill-Kunsill li ġie iffirmat il-kuntratt sabiex il-Kunsill jikri l-garage ta' erbgħa karozzi fi Triq ta' l-Ajżar. Is-Sindku ippreżenta kopja tal-kuntratt iffirmat fuq il-mejda tal-Kunsill.

**Korrispondenza**

5. Il-Kunsill irċieva r-risposta mill-MEPA rigward l-ittra li bgħat il-Kunsill f'Novembru 2010 sabiex din l-Awtorità tieħu azzjoni fuq il-passaġġ ta' l-għalqa miftuħ ġo Triq il-Ħajt Ruman li minnu joħroġ ħafna tajn u ż-żrar meta tagħmel ix-xita. Il-MEPA qalet li din il-problema mhix kompetenza tagħha.

6. Il-Kunsill irċieva t-talba tal-ħlas mill-Perit Bezzina. Il-Kunsilliera qablu li s-SE jibgħat e-mail lil Perit sabiex jitlob spjegazzjoni ta' dawn il-kontijiet.

7. Il-Kunsill irċieva e-mail mill-MEPA sabiex il-Kunsill jikkonferma l-istima ta' l-istampar tal-mappa ta' Ħal Safi. Il-Kunsilliera talbu lil Dorianne Zammit tikkonferma li l-istampar ser jsir fuq perspex u mhux fuq karta.

8. Eddie Bonnello staqsa lis-SE jaqra e-mail li bgħat is-Sindku liċ-Chairman ta' Trasport Malta (TM) kif ukoll it-tweġiba korrispondenti. L-e-mail tas-Sindku kienet titlob lil TM tikkunsidra tagħmel *zebra crossing* fi Triq ta' Ġawhar. Fit-tweġiba tiegħu, iċ-Chairman ikkonferma li TM ser tkun qed tagħmel l-istħarriġ tagħha fuq din it-talba, fil-jiem li ġejjin. Jerome Busuttil qal lis-Sindku li huwa kien jippreferi li kieku din it-talba ġiet diskussa fil-Kunsill qabel ma saret lil TM. Is-Sindku qal li dakinhar li bgħat l-email, huwa kien f'din it-Triq u ra b'għajnejh stess karozza li kienet ser ittajjar mara li kienet qed taqsam f'din it-triq. Minħabba li l-Kunsill kien diġa iddiskuta l-bżonn li issir din iż-*zebra crossing* f'din it-triq fil-passat, hu ma ra xejn ħażin li bgħat lil TM tikkunsidra din it-talba. Il-Kunsill seta' dejjem jiddiskuti wara jekk iż-*zebra crossing* isirx jew le u jkun jista jagħmel dan aħjar għaliex jkollu l-konferma minn TM li din tista issir fil-post imsemmi.

9. Eddie Bonello staqsa jekk il-Kunsill applika sabiex jieħu fondi relatati ma' l-irranġar tal-bankini fiż-żoni tal-Housing Estate. Is-Sindku ikkonferma li għalkemm il-Kunsill applika sabiex jieħu dawn il-fondi, l-applikazzjoni ġiet irrifjutata għaliex il-Kunsill ma kellux preparati l-pjanti tal-perit.

10. Il-Kunsill irċieva mill-Kumitat Konġunt, il-kont ta' Diċembru 2010. Is-Sindku rimarka li l-Kumitat Konġunt qabel li jibqa jiġbor mill-Kunsilli l-paga ta' l-*Authorised Officer* preċedenti sabiex kemm il-darba l-Kumitat Konġunt jiġi fl-obbligu jħallas din il-paga, jkun hemm riserva minn fejn tinqata.

**Ħwejjeġ Oħra**

11. Is-Sindku ippreżenta mappa ta' kif tħawlu s-siġar taż-żebbuġ fil-Ġnien ta' Amparell. Eddie Bonello u Publius Abdilla rimarkaw lis-Sindku li l-Kunsill kien qabel li jħalli passaġġ aktar wiesgħa fin-nofs. Is-Sindku wieġeb li dan il-passaġġ ma sarx hekk għaliex skond il-parir tal-persuna li ħawlet is-siġar, xorta hemm biżżejed spazju fejn isir il-passaġġ hekk kif tħawlu s-siġar.

12. Is-Sindku qal li x-xogħol fuq il-bankina f'Triq ta' Gawhar waqa ftit lura minħabba li t-temp ma kienx jippermetti li jingħata l-wiċċ l-konkos.

13. Is-Sindku rimarka li minħabba li l-Kunsill mhux ser jkollu Segretarju Eżekuttiv mil-ewwel ta' Frar 2011 għaliex il-kuntratt tas-Segretarju Eżekuttiv preżenti ser jiġi fit-tmiem fl-aħħar ta' Jannar 2011, il-Kunsill kien obbligat joħroġ *internal call* fil-kunsill sabiex jinħatar Deputat Segretarju Eżekuttiv mil-ewwel ta' Frar 2011. Is-SE ikkonferma li is-Sur Anthony Attard, li jaħdem bħala Assistent Principal kien l-unika impjegat tal-Kunsill li wera x-xewqa li jokkupa din il-kariga. Is-Sindku rimarka li s-Sur Attard diġa applika sabiex jodħol fil-pool ta' riserva tas-Segretarji Eżekuttivi sabiex jkun jista jitħarreġ f'din il-kariga. Is-

Sindku talab lil Kunsilliera jikkunsidraw l-ħatra tas-Sur Attard bħala Deputat Segretarju Eżekuttiv. Il-Kunsilliera qablu unanimament li s-Sur Anthony Attard jinħatar bħala Deputat Segretarju b'effett minn l-ewwel ta Frar 2011.

14. Is-Sindku ippropona li l-Kunsill jwaħħal erbgħa bollards fi Triq San Pawl quddiem l-għassa tal-Pulizija. Is-SE ikkonferma li l-ispiża tkun tammonta għal *circa* sitt mitt Ewro. Il-Kunsilliera qablu li din l-ispiża tiddaħħal fl-estimi finanzjarji tal-Kunsill ta' din is-sena sabiex din l-ispiża tkun tista tiġi ikkunsidrata aħjar.

15. Is-Sindku rimarka li l-Kunsill għandu bżonn jixtri *jigger u chaser* għaliex il-ħaddiema tal-Kunsill mhux dejjem isibu jikru din l-għodda. Il-Kunsilliera approvaw ix-xiri ta' din l-għodda.

16. Eddie Bonello oġezzjona għal fatt li saret laqgħa bejn is-Sindku u l-Brigadier ta' l-armata u l-kunsill ma ġiex infurmat bil-laqgħa minn qabel.

17. Il-laqgħa intemmet fid-9:30pm.

Approvati llum 09/02/2011

Sindku Segretarju Eżekuttiv